# Kelma tal-Ħajja

AWWISSU 2024
ĦARĠA 8

movimen t
tal-fokolari

www.focolaremalta.org

## “Mulej, kemm hu sew li aħna hawn!” (*Mt* 17, 4).

Ġesù u d-dixxipli tiegħu kienu fi triqthom lejn Ġerusalemm. Kif ħabbrilhom li hemmhekk hu kien se jbati, imut u jirxoxta, Pietru ma qabilx miegħu għax skont hu, in-nies żgur ma kenitx se tifhem ħaġa bħal din. Għalhekk l-imgħallem ħa lilu, ’il Ġakbu u ’l Ġwanni, tela’ fuq “muntanja għolja”, u hemmhekk dehrilhom kollu dawl: wiċċu “sar jiddi bħax-xemx” u dehru wkoll Mosè u Elija jitħaddtu miegħu. Il-Missier samma’ leħnu minn ġo sħaba mdawla u stedinhom jisimgħu lil Ġesù, Ibnu l-għażiż. Kif ra dan kollu, Pietru ma riedx jitlaq minn hemm u qal:

**“Mulej, kemm hu sew li aħna hawn!”**

Ġesù stieden lill-ħbieb l-aktar intimi tiegħu biex jgħixu esperjenza li kienu se jibqgħu jiftakru fiha u jgħożżuha f’qalbhom ħajjithom kollha.

Forsi aħna wkoll f’ħajjitna xi darba ħassejna b’mod qawwi l-preżenza t’Alla u tal-ħidma tiegħu kollha ferħ, paċi u dawl, u xtaqna li dawn il-mumenti ma jintemmu qatt. Dawn huma mumenti li nħossuhom meta nkunu miġbura ma’ oħrajn, jew permezz ta’ oħrajn. Infatti, l-imħabba lejn xulxin tiġbed lejha l-preżenza t’Alla, kif wegħedna Ġesù nnifsu: “Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f’ismi hemm inkun jien f’nofshom”[1]. Xi drabi, f’waqtiet intimi bħal dawn, Hu jurina lilna nfusna u jwassalna biex inħarsu lejn il-ġrajjiet bl-istess ħarsa tiegħu.

Dawn l-esperjenzi jsaħħuna biex nifilħu ngħaddu minn inkwiet u xogħol iebes fil-mixja tal-ħajja. B’hekk inkunu ċerti li Alla jieħu ħsiebna u jsejħilna biex nissieħbu miegħu fl-istorja tiegħu ta’ salvazzjoni.

Tant hu hekk li, kif it-tliet appostli flimkien ma’ Ġesú niżlu minn fuq il-muntanja, id-dixxipli baqgħu sejrin ilkoll flimkien lejn Ġerusalemm, fejn kien hemm tistennihom folla kbira mimlija tama. Imma fosthom kien hemm ukoll min ried jonsbu, min kien kontrih; kien hemm ukoll nuqqas ta’ qbil dwar min kien Ġesù, filwaqt li kien hemm oħrajn li saħansitra kienu jobogħduh. Hemmhekk “kienu se jinfirxu u jintbagħtu sa truf l-art biex jagħtu xhieda tas-Saltna t’Alla”, li hi d-dar tagħna fis-smewwiet imħejjija għalina l-bnedmin[2].

Minn din id-dinja stess, id-dixxipli setgħu jibnu din d-dar fost il-bnedmin, għax huma ġa kienu għexu fiha meta kienu ma’ Ġesù hemm fuq il-muntanja.

**“Mulej, kemm hu sew li aħna hawn!”**

“Qumu, tibżgħux”[3]. Din kienet l-istedina li Ġesù għamlilhom fi

tmiem din l-esperjenza straordinarja. Hi stedina li qed jagħmel lilna wkoll; u bħad-dixxipli u l-ħbieb tiegħu, aħna nistgħu nif-faċċaw bil-kuraġġ dak kollu li hemm jistennina fil-ħajja.

Chiara Lubich għamlet esperjenza simili f'Awwissu tal-1949, meta hi u sħabha marru għal btala fuq id-Dolomiti. Waqt dawn il-ġranet ta' mistieħ u kontemplazzjoni profonda dwar il-misterji tal-fidi tagħna, huma għamlu esperjenza qawwija tal-preżenza t'Alla fosthom. Għexu żmien ta' dawl straordi-narju, li għadu magħruf sallum bħala "l-Ġenna tal-1949". Chi-ara ma xtaqitx kieku tinżel minn fejn kienu u tmur lura għall-ħajja ta' kuljum.

Imma mbagħad dan għamlitu b'ħeġġa ġdida għax fehmet li kien eżattament minħabba dik l-esperjenza li hi kellha "tinżel minn fuq il-muntanja" sabiex tkompli ħidmietha bħala għodda f'idejn Ġesù, fit-twettiq tas-Saltna tiegħu. Għalhekk, f'ħajjitha ħadmet ħafna biex twassal l-imħabba u d-dawl tiegħu eżatta-ment hemm fejn dawn kienu nieqsa.

**"Mulej, kemm hu sew li aħna hawn!"**

Meta nħossuna fid-dlam, aħna rridu niftakru fiż-żminijiet li fihom il-Mulej kien dawwalna. U jekk għadna m'għamilniex l-esperjenza tiegħu li Hu jinsab il-ħin kollu qrib tagħna, irri-du naraw kif nagħmluha. Bil-ħila kollha tagħna rridu "nitil-għu fuq il-muntanja", ħalli hemm niltaqgħu miegħU f'ħutna l-bnedmin, nadurawH fil-Knejjes tagħna, u nammiraw sbuħi-tu fin-natura.

Hu jinsab dejjem hemm għalina: biżżejjed nimxu miegħU fil-waqt li nżommu s-skiet ġewwa fina biex hekk inkunu nistgħu nisimgħuH, kif għamlu Pietru, Ġwanni u Ġakbu[4].

Silvano Malini u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

1: *Mt* 18, 20.

2: T. Radcliffe, OP, it-tieni meditazzjoni lill-parteċipanti fl-Assemblea Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, Sacrofano, l-1 ta' Ottubru, 2023: https://www.vaticannews.va/it/vaticano/news/2023-10/testi-meditazioni-padre-radclifferitiro-sacrofano-sinodo.html

3: *Mt* 17, 7.

4: Cf. *Mt* 17, 6.

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**